



Brussell, 19 ta' Mejju 2026
(OR. en)

8891/26

LIMITE

CORLX 430
CFSP/PESC 633
RELEX 598
MOG 91

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2023/1529
dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta'
aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati u entitajiet fil-
Lvant Nofsani u fir-Reġjun tal-Baħar l-Aħmar

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

li jemenda r-Regolament (UE) 2023/1529 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati u entitajiet fil-Lvant Nofsani u fir-Reġjun tal-Baħar l-Aħmar

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EUROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/ ta' ... li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532¹ dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati u entitajiet fil-Lvant Nofsani u fir-Reġjun tal-Baħar l-Aħmar⁺,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L, ..., ELI: ...

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fil-parti prinċipali tat-test ir-referenza u d-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tinsab fid-dokument ST 8889/26 u imla n-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti.

Billi:

- (1) Fl-20 ta' Lulju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532² u r-Regolament (UE) 2023/1529,³ dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati u entitajiet fil-Lvant Nofsani u fir-Reġjun tal-Baħar l-Aħmar.
- (2) Fl-14 ta' Mejju 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1336⁴ li emendat id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532 u estendiet il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri restrittivi biex ikopru persuni li jfornu, ibigħu jew li b'xi mod ieħor huma involuti fit-trasferiment ta' vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord jew missili tal-Iran jew teknoloġiji relatati lil gruppi armati u entitajiet li jimminaw il-paċi u s-sigurtà fil-Lvant Nofsani u fir-Reġjun tal-Baħar l-Aħmar, jew lil persuni, entitajiet jew korpi li jaġixxu bi ksur tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) 2216 (2015).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1532 tal-20 ta' Lulju 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati u entitajiet fil-Lvant Nofsani u fir-Reġjun tal-Baħar l-Aħmar (ĠU L 186 , 25.7.2023, p. 20, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1532/oj>).

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1529 tal-20 ta' Lulju 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati u entitajiet fil-Lvant Nofsani u fir-Reġjun tal-Baħar l-Aħmar (ĠU L 186 25.7.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1529/oj>).

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1336 tal-14 ta' Mejju 2024 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna (ĠU 2024/1336, 15.5. 2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1336/oj>).

- (3) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, u b' reazzjoni għall-azzjonijiet tal-Iran li jimminaw il-libertà tan-navigazzjoni, inkluż id-drittijiet għal passaġġ ta' transitu u għal passaġġ innoċenti, fil-Lvant Nofsani, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2026/...⁺ li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532 biex jiġu introdotti aktar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Iran.
- (4) Huwa xieraq li jiġu emendati l-kriterji tal-elenkar biex jippermettu miżuri ta' ffriżar tal-assi kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi responsabbli għall-azzjonijiet jew il-politiki tal-Iran li jdgħajfu l-libertà tan-navigazzjoni fil-Lvant Nofsani, jew li jappoġġawhom, jimplimentawhom jew jibbenefikaw minnhom. Huwa xieraq ukoll li jiġi emendat it-titolu.
- (5) Ir-Regolament (UE) 2023/1529, jenħtieġ li għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fil-parti prinċipali tat-test ir-referenza tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tinsab fid-dokument ST 8889/26.

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2023/1529 huwa emendat kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1529 tal-20 ta' Lulju 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati u entitajiet fill-Lvant Nofsani u fir-Reġjun tal-Baħar l-Aħmar kif ukoll l-azzjonijiet tal-Iran li jdgħajfu l-libertà tan-navigazzjoni fil-Lvant Nofsani”;

(2) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (b), is-subpunt (iii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(iii) lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jaġixxu bi ksur tar-Riżoluzzjoni 2216 (2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti;”;

(b) jiddaħħal il-punt li ġej:

“(ba) responsabbli għall-azzjonijiet jew il-politiki tal-Iran li jdgħajfu l-libertà tan-navigazzjoni fil-Lvant Nofsani, jew li jappoġġawhom, jimplimentawhom jew jibbenefikaw minnhom; jew;”;

(c) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) assoċjati ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fil-punt (a), (b) jew (ba);”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President